A.L. 313 ta' l-2003

ATT TA' L-2001 DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (ATT NRU. XXIII TA' 2001)

Regolamenti ta' l-2003 dwar Ħtiġiet tal-*Pedigree* u Żootekniċi għall-Importazzjoni ta' Semen ta' xi Annimali.

Titolu u skop

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti ta' l-2003 dwar Ħtiġijiet tal-*Pedigree* u Żootekniċi għall-Importazzjoni ta' Semen ta' Ċerti Annimali.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa l-implimentazzjoni tar-regoli mniżżla taħt id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea 96/509/EC li jistabbilixxi l-ħtiġijiet tal-*pedigree* u żootekniċi għall-importazzjoni ta' semen ta' ċerti annimali. Din id-Deċiżjoni issib bażi legali taħt id-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 94/28/EC, artikolu 5, it-tieni u t-tielet indent.

Importazzjoni ta' semen

2. Semen kif riferit fl-artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 94/28/EC, ġej minn annimal li ma jkunux sarulu testijiet ta' *performance* u stima tal-valur ġenetiku fuq il-bażi tal-prinċipji provduti bir-regoli żootekniċi, jista' jkun importat biss fil-limiti tal-kwantitajiet meħtieġa għal organizzazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet approvati biex iwettqu dak it-test uffiċjali.

***Pedigree* u ċertifikati zootekniċi**

3. Is-semen riferit fir-regolament 2 għandu jkun akkumpanjat minn -

(a) ċertifikat tal-*pedigree* u żootekniku konformi mal-mudell ta' l-Iskeda 1, maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz;

(b) ċertifikat konformi mal-mudell fl-Iskeda II, maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti tat-territorju ta' Malta jew ta' l-Istat Membru ta' destinazzjoni.

Iċ-ċertifikati msemmija fil-paragrafi (a) u (b) għandhom jiġu ppreżentati flimkien filwaqt ta' l-importazzjoni.

SKEDA 1

ĊERTIFIKAT TAL-*PEDIGREE* U ŻOOTEKNIKU GĦALL-IMPORTAZZJONI TA' SEMEN MINN ANNIMALI TAR-RAZZA PURA GĦAT-TGĦAMMIR TA' L-ISPEĊI BOVINA, MAJJALI TAR-RAZZA PURA GĦAT-TGĦAMMIR; NAGĦAĠ U MOGĦOŻ TAR-RAZZA PURA GĦAT-TGĦAMMIR LI MA JKUNUX GĦADDEW MINN EŻAMI TA' *PERFORMANCE* U STIMA TAL-VALUR ĠENETIKU

A. Dettalji tad-donatur maskili

1. Speċi (baqar/majjal/nagħaġ/mogħoż)([1]) 2. Razza/ Tip Ġenetiku
3. Korp li jiċċertifika
4. Isem u indirizz ta' l-awtorità li żżomm il-ktieb tal-merħla ta' oriġini fil-pajjiż terz
5. Isem u indirizz ta' min irabbi
6. Isem (jekk trid) 7. Nru. oriġinali tad-dħul
8. Data tat-twelid 9. Grupp tad-demm
10. *Pedigree*

Sire	*Grandsire*
Numru Oriġinali tal-ktieb tar-razza	Numru oriġinali tal-ktieb tar-razza
	Granddam
	Numru oriġinali tal-ktieb tar-razza
Dam	*Grandsire*
Numru oriġinali tal-ktieb tar-razza	Numru oriġinali tal-ktieb tar-razza
	Granddam
	Numru oriġinali tal-ktieb tar-razza

11. Ir-riżultati kollha disponibbli tat-testijiet ta' *performance* u r-riżultati aġġornati tal-valur ġenetiku bl-isem tal-korp li jkunu assessjaw il-valur ġenetiku, fuq l-istess annimal jew il-ġenituri jew in-nanniet tiegħu ([3])

Magħmul fil _____, fi _____

Firma _____

Isem b'ittri kbar u kariga tal-firmatarju

_____

([1])Hassar kif meħtieġ

([2])Jew metodu xieraq ieħor approvat skond il-leġislazzjoni Komunitarja, meħtieġa biss għal baqar, nagħaġ u mogħoż

([3])Jekk meħtieġ uża karta oħra.

ĊERTIFIKAT TAL-*PEDIGREE* U ŻOOTEKNIKU GĦALL-IMPORTAZZJONI TA' SEMEN MINN ANNIMALI TAR-RAZZA PURA GĦAT-TGĦAMMIR TA' L-ISPEĊI BOVINA, MAJJALI TAR-RAZZA PURA GĦAT-TGĦAMMIR; NAGĦAĠ U MOGĦOŻ TAR-RAZZA PURA GħAT-TGħAMMIR LI MA JKUNUX GĦADDEW MINN EŻAMI TA' *PERFORMANCE* U STIMA TAL-VALUR ĠENETIKU

B. Dettalji tas-Semen

1. Sistema ta' identifikazzjoni ta' semen (kulur, numru eċċ)
2. Identifikazzjoni tal-kontenitur
3. Oriġini tas-semen (indirizz taċ-ċentru ta' ġbir tas-semen)
4. Destinazzjoni tas-semen (isem u indirizz ta' min jirċievi)

Identifikazzjoni tat-tiben	**Numru ta' doži**	**Data tal-ġbir**

Magħmul fil .. .. , fil.. .. .. Firma .. ..

ISEM B'ITTRI KBAR U KARIGA TAL-FIRMATARJU

.. ..

SKEDA II

ĊERTIFIKAT GĦALL-IMPORTAZZJONI LIMITATA TA' SEMEN MHUX EŻAMINAT MINN ANNIMALI TAR-RAZZA PURA GĦAT-TGĦAMMIR TA' L-ISPEĊI BOVINA; MAJJALI TAR-RAZZA PURA GĦAT-TGĦAMMIR; NAGĦAĠ U MOGĦOŻ TAR-RAZZA PURA GĦAT-TGĦAMMIR LI JINTUŻAW GĦAL EVALWAZZJONI ĠENETIKA

1.Korp li jiċċertifika

2. Isem tad-donatur maskili (jekk trid) 3. Numru oriġinali tal-ktieb tar-razza

4. Numru massimu ta' dożi li jistgħu jiġu impurtati

5. Min jirċievi

Magħmul fil.. .. .. f'.. .. .. Firma .. ..

ISEM B'ITTRI KBAR U KARIGA TAL-FIRMATARJU

.. ..